MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 20**

**It-Tlieta, 24 ta' Lulju 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Ħamis, 24 ta' Lulju 2025 fil-3:30 ta wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**20.1 Talba;**

20.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-03:30 ta wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.


*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT20.10, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

TM

**20.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

20.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Ivana Mizzi u l-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

**20.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

20.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 18 u 19 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

20.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

20.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Il-minuti numru 18 u 19 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**20.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

20.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 15/20025 għall-perjodi bejn 01 ta' Lulju, 2025 u s-24 ta' Lulju 2025 li tammonta għal €8,363.27 ġiet approvata u iffirmata.

**20.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

20.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, informa lil membri li għal din il-laqgħa il-punti tiegħu qedin fl-aġenda u ser ikun qed jitkellem dwarhom skond l-ordni tal-Aġenda.

**20.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

20.6.1 Waqt il-laqgħa, is-Sur Carmelo Micallef informa lil kunsill li hu ġibed l-attenzjoni tal-persuna li tieħu ħsieb iz-zebgħa tat-toroq. Dan infrumah li hu ser ikun qed jagħmel dan ix-xogħol meta iz-*zebra crossing* tkun mixgħula. Waqt diskussjoni fuq dawn iz-*zebra crossing* il-kunsillier Horace Micallef għadda lis-Segretarju zewġ ismijiet ta kumpaniji minn fejn nistaw insibu nixtru globu.

20.6.2 Il-kunsillier Joseph Mercieca ġibed l-attenzjoni dwar l-*Stop Sign* fi Triq il-Qalb ta' Ġesu, din bjadet u ma għadix tidher u għalhekk għandha bżonn refresh taz-zebgħa. Hu ssugerixxa ukoll li s-sinjal li hemm fil-prezent jitkompla mat-triq kollha u mhux jieqaf fin-nofs kif kien.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**20.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

20.7.1 Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni dwar it-tlett stimi li rċivejna għal-*gate* tal-*Playing* Field. Hi reġat iċċirkolat l-istimi u ġie aċċertat li kollha huma kwotati għal-isteess trattament. Wara li ġew iċċirkulati, il-membri preżenti ikkonfermaw li nagħżlu l-stima l-aktar vantaġġuża u ikkonferma biex nibdew il-proċess mill-aktar fis possibli.

20.7.2 Is-Segretarju ippreżentat l-ittra flimkien mar-ritratti oriġinali tar-resident dwar ħmieġ tal-qtates u l-ġriden li qed jieklu minn danl-ikel, flimkien ma ritratti ta ġrieden li qabad fil-bitħa tiegħu. Din il-korrispondenza ġiet iċċirkulata qabel il-laqgħa mal-membri. Is-Segretarju infurmat lill-membri li hi kienet diġà qed taħdem fuq din is-sitwazzjoni. Dan ir-resident kien diġà resaq ilment ieħor fuq is-sitwazzjoni li qed jikkawża dak li qed jagħlef l-qtates u dwarha konna kellimna lill-avukat. Fil-prezent il-kunsill għamel kuntatt ma tas-Sanita u dawn kellhom jiġu jagħmlu inspection u trattament adekwat. Fuq il-punt dwar il-*hornets*, iżda l-kunsill irrakkomanda lir-resident li jsir kuntatt ma kumpanija ta *pest control.* Il-punt li semma ukoll dan ir-resident u li jista' jgħin lil kunsill, hu li fl-avvizi nagħmlu xi ftit punti dwar kif wieħed jista' jgħin biex iżomm ir-raħal nadif u jevita dawn il-konsegwenzi lil resident oħra.

20.7.3 Is-Segretarju ippreżentat ukoll l-istimi tal-kisi u t-tindif tal-ħajt *ta' Taħt ir-Railing*. Wara li ġew diskussi, il-membri preżenti qablu li mmexxu ma l-irħas stima u li nikkonfermaw meta jista jibda ix-xogħol.

20.7.4 Is-Segretarju infurmat lil-membri li għamlet kuntatt mal-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana biex tikkonferma meta se jkunu qed jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom relatati mal-Milied 2025. Dawn ikonfermaw li huma se jagħmlu l-event tagħhom fl-14 u l-15 ta' Diċembru. Fl-istess korrispondenza l-Kummissjoni talbet kollaborazzjoni mill-kunsill għal-*Wine Festival* li se issir fis-19 ta' Settembru. Huma talbu is-sapport għal-*Park and Ride,* il-parkeġġ fi Pjazza Għejjun u l-indafa wara l-avveniment. Wara diskussjoni ġie deċiż li nsaqsu lid-Dipartiment tat-Tindif għal sapport ta tindif u biex jipprovdi l-*bins.*

20.7.5 Is-Segretarju infurmat lill-membri li kella telfonata li infurmata li kienu ser jiġu jwaħħlu i*c-Charging Pillars*. Hi infurmat lil membri li wara l-ewwel laqgħa uffiċjali tal-kunsill preżenti eżattament fil-15 ta' Lulju, 2024, hi kient bgħatet email tistaqsi fejn wasal il-proċess iżda ma ħadet l-ebda risposta. Wara diskussjoni fuq il-postijiet li ġew ikonfermati mill-



KUNSILL LOKALI FONTANA

TM

kunsill tal-leġislatura l-oħra, il-membri qablu li dawk li hemm fil-prezent mhux jintużaw u għalhekk ġie deċiż li nwaqqfu l-proċess peress li fil-prezent diġà għandna problema b nuqqas ta parkeġġ fir-raħal

20.7.6 Is-Segretarju infurmat lil membri li l-ġimgħa l-oħra ħaddiema tal-kumpanija GO ġabu t-telephone box li dwarha tkellemna fil-laqgħat preċedenti. Din tinsab fi stat ħażin ħafna, hi uriet lil membri ritratti li ħadet dakinhar, filwaqt li xtaqet konferma jekk huma jaqblux li din tintrema. Il-membri prezenti qablu unanimament.

20.7.7 Is-Segretarju infurmat lil membri li fil-prezent kienet qed tingħata prijorità l-applikazzjoni li baqa pendenti tal-SPI u għalhekk dawk il-laqgħat li kienu pjanati għal-*keep-fit classes* ġew posposti għal-aħħar tax-xahar.

20.7.8 Is-Segretarju infurmat lil membri li ma ġietx aċċettata l-applikazzjoni għal fondi minn Events in Gozo biex nagħmlu l-logħob fil-baħar (trampolines, etc)

**20.8 Aġġornament tal-Proġetti**

20.8.1 Is-Sindku xtaq jinforma li fl-aħħar reġa qed jitkompla x-xogħol ta Taħt ir-Railing. Dan wara li ġie ikkonfermat mill-Ministru l-Hon. Clint Camilleri li l-aħħar parti tal-proġett li ma kienx ippjanat ma dan il-proġett ser jkun qed jagħmilha il-ministeru relatat. Din il-parti tax-xogħol ser ikun inkluża fit-tender tat-Triq tal-Għajn. Fil-prezent l-amminstrazzjoni qed tiġbor stimi għar-railing biex meta jitlesta l-proġett ikun komplut kif suppost.

**20.9 Autumn Funland 2025;**

20.9.1 Is-Sindku ippropona li wara is-suċċess li kellu dan l-avveniment qed issir proposta biex jekk jaqblu l-membri dan l-avveniment jerġa isir din is-sena. Għal din is-sena nixtieq, nitolbu l-Kummissjoni Żagħżagħ Fontan biex tieħu ħsieb tixtri u tikrea l-aċċesorji għal-logħob peress li l-kumenti kienu li t-tip tal-logħob li kellna kien differenti minn avveninenti oħra li :jsiru għat-tfal.

**20.10 Sports Fest 2025;**

20.10.1 Is-Sindku ippropna li nikkolaboraw mall-paroċċa għal din l-attivita' annwali. Il-membri tal-kunsill preżenti qablu li l-kunsill iħallas it-*trophies* kif sar is-sena l-oħra.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



TM

**20.11 Weekend break;**

20.11.1 Is-Sindku xtaq jipproponi *weekend break* fuq talba tar-residenti. Wara diskussjoni ġie deċiż li mmorru mill-10 sat-12 ta' Ottubru biex nagħqduwa ma' *Birgu by Night*. Wara qbil ġie deċiż li nibdew naħdmu fuq prezzijiet.

**20.12 Kors tal-presepji;**

20.12.1 Is-Segretarju resqet korrispondenza dwar l- informazzjoni li talbet għall-kors tal-Presepji *Hands On.* Ġie ofrut mill-Ghaqda tal-Presepji kors fil-5, 6 u 13 ta' Settembru għal grupp ta madwar 10 persuni. Dan il-kors se jkun parti mill-iskema u għalhekk l-informazzjoni ser tgħaddi għal-approvazzjoni, u dan issir jekk tiġi approvata l-iskema. Sakemm tiġi approvata l-iskema naraw il-kors hux possibbli jsir ma l-Għaqda l-oħra aktar qrib tal-Milied. Ġie deċiż li jsir meta jsir dan il-kors ser ikun b'xejn għar-residenti tal-Fontana u tingħata prijorità lir-residenti. Dan il-punt se jerġa jiġi diskuss fil-laqgħat li jmiss hekk kif ikolna deċiżjoni dwar l-iskema.

**20.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-4:45 ta' filgħaxija.

Konfermati, llum, l-Erbgħa, 20 ta' Awwissu 2025.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA